**PREMJU 'FAMILJA QALB TAD-DEHEB' – 15 ta' Frar 2014**

**Intervent ta' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex**

L-Isqof Grech semma' kif bħalissa għaddej bl-esperjenza tal-Viżta Pastorali fid-Djoċesi ta' Għawdex, li qed tgħajjieh fiżikament, imma permezz tagħha qed jidħol għand ħafna familji Nsara b'"qalb tad-deheb"! Bejn l-erba' ħitan tad-djar tal-familji tagħna qed isiru l-mirakli.

Il-familja hi bla dubju edukatur insostitwibbli ta' wliedna, l-ewwel skola li ssawwar lill-bniedem u tittrasmetti l-valuri sbieħ li qed niċċelebraw f'din l-okkażjoni.

Huwa minnu li f'Għawdex għandna skejjel tajbin, imma hi l-familja ta' l-oriġni li tista' tifforma l-qalb tad-deheb li għandhom bżonn uliedna. Forsi hi s-soċjetà tal-lum li qed tgħaddilhom dawn il-valuri? Sfortunatament le, anzi, allaħares ma tkunx il-familja li trawwem fihom dawn il-valuri!

Għalhekk, nimpenjaw ruħna biex bil-mod kif ngħixu l-ħajja tal-familja, inkunu nnaqqxu fi wliedna valuri sodi li jagħtuna familji u wlied b'qalb tad-deheb.

Ħadd ma jista' jieħu post il-familja f'din il-formazzjoni, temm jgħid l-Isqof.

* * *

**Intervent ta' Dr George Abela, President ta' Malta**

Meta trabbi t-tfal, tkun qed trabbi nazzjon! Hekk fetaħ id-diskors tiegħu l-President ta' Malta, l-E.T. Dr George Abela. Huwa sejjaħ għal diskussjoni usa' fuq il-valuri li jibnu l-familji u s-soċjetà Maltija, ħaġa li hu jħoss li ftit li xejn qed tiġi diskussa bis-serjetà fuq bażi nazzjonali. Hu rrifera kemm-il darba għad-diskors ta' l-Isqof Grech, u qal li l-familja u l-ġenituri jibqgħu l-ewwel edukaturi ta' l-ulied.

Hu sejjaħ is-serata tal-lejla premjazzjoni li għandha ħafna x'tgħallimna, imma wkoll ċelebrazzjoni tal-ħajja li turi s-"saħħa tad-deheb" tal-familji li għandu l-poplu tagħna.

Dr Abela faħħar id-diskors ta' Dun Anton Teuma, responsabbli mill-Kummissjoni Djoċesana Familja tad-Djoċesi ta' Għawdex, li bih fetħet iċ-ċerimonja. Hu qal li hu importanti naraw x'jgħidu l-esperti dwar il-familja. Kien għalhekk li fl-2009 il-Presidenza Maltija organizzat konferenza nazzjonali propju dwar il-familja, li l-interventi tagħha issa ġew ippubblikati fi ktieb.

Fost l-esperti internazzjonali li tkellmu dak in-nhar kien hemm ċerta Professoressa Walker mill-Università ta' Newcastle li semmiet id-diversi forom ta' relazzjonijiet li żviluppaw illum. Ħafna minn dawn qed jitolbu li jingħarfu d-drittijiet tagħhom. Huwa tajjeb li l-Istat jirregola dawn il-forom ġodda ta' relazzjonijiet li qed jixirfu, imma tajjeb nifhmu li t-trobbija ta' l-ulied m'hix xi ħaġa li tappartieni lill-adulti jew lil min qiegħed f'relazzjoni. Hawn l-ewwel jiġi l-ġid tat-tfal, u mhux is-sodisfazzjon personali. Lanqas min ma jistax ikollu tfal m'għandu xi dritt sagrosant li jrabbi l-ulied.

Dan kollu jpoġġi quddiem il-leġislaturi tagħna r-responsabbiltà għolja li jimxu b'kawtela, u jisimgħu mhux biss lill-awturi barranin dwar il-familja, imma dak li dejjem emmnet u fehmet is-soċjetà Maltija. Għax l-istess trobbija ta' l-ulied ma ssirx biss fil-familja, imma fil-qafas u l-'ġuf wiesgħa' tas-soċjetà. U għalhekk irridu nistaqsu xi mpatt tista' tħalli t-trobbija fi ħdan relazzjonijiet barra minn dik tal-familja. F'dan il-kuntest, ta' min jirrikonoxxi li anki fl-Università ta' Malta għandna Ċentru tal-Familja li diġà qed jagħti kontribut kbir f'dan il-qasam. Hekk nistgħu naslu

għal deċiżjoni korretta. Din m'hix kwistjoni ta' bejn Knisja u Stat, żied jgħid il-President, imma hawn għandna quddiemna l-ġid komuni tas-soċjetà tagħna. Għalhekk hu meħtieġ studju serju fuq is-soċjetà tagħna.

Il-President Abela temm jgħid li hu ta' privileġġ għalih li kien preżenti għall-għoti ta' dan il-Premju, u li tul dawn il-ħames snin ta' mandat presidenzjali tgħallem ħafna miż-żjarat tiegħu f'Għawdex u hu kburi bix-xogħol li jagħmel l-Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II. "Komplu semmgħu leħinkom", ħeġġeġ Dr Abela, waqt li feraħ ukoll lill-Familja Attard u stedinhom għal ikla miegħu fil-Palazz ta' Sant'Anton.